MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta tal-11 ta' Ottubru, 2010

Talba Numru. 637/2007

**Elmein Services Limited**
**(C. 31491)**

**Vs**
**Korporazzjoni Maltija ghall-Intrapriza**

It-Tribunal,

Ra l-Avviz tas-socjeta' attrici li talbet lil dan it-Tribunal is-somma ta' sitt mija u disghin Lira Maltin u disgha u tmenin centezmu (Lm690.89) u cioe' ekwivalenti ghal elf sitt mija u disa' Ewro u erba' u sebghin Ewro centezmi (€1,609.34), rapprezentanti prezz ta' servizzi ta' tiswija ta' *liftijiet* rezi lil Korporazzjoni Maltija Ghall-Intrapriza (*Malta Enterprise*) fuq ordnijiet taghha stess u li baqa' ma thallasx.

Is-socjeta' attrici qed titlob ukoll l-imghax bir-rata ta' 8% fis-sena, fuq is-somma mitluba, mid-dati tal-fatturi relattivi indikati fil-prospett, sal-gurnata tal-hlas effettiv.

Minkejja li giet interpellata thallas diversi drabi, inkluz bl-ittra ufficjali numru ***3328/2007*** li giet ipprezentata fit-8 ta' Gunju, 2007, il-Korporazzjoni konvenuta baqqghet inadempjenti.

Bl-ispejjes kontra l-Korporazzjoni konvenuta, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali.

Ra r-risposta tal-Korporazzjoni li eccepixxa illi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda stante illi l-ammont pretiz mhuwiex dovut peress illi s-servizzi ta' tiswija li qed jintalab il-hlas taghhom ma sarux skond is-sengha u l-arti u dan kif inhu spjegat fir-rapport.

Bl-ispejjes kontra s-socjeta' attrici.

Ra x-xhieda ta' Joseph Muscat, bhala wiehed mid-diretturi tas-socjeta' *Elmein Services Limited*, li bhala socjeta' kienet ikkumissjonat lift lill-Korporazzjoni fid-9 ta' Marzu, 2001, permezz ta' kuntratt iffirmat bejn il-partijiet.

Wahda mill-kundizzjonijiet fil-kuntratt kienet illi mal-bejgh tal-*lift*, bhala s-socjeta' venditrici kienu joffru servizz ta' manteniment tal-*lift* bla hlas, ghal sentejn mid-data tal-kuntratt.

Wara li skada dan iz-zmien, il-Korporazzjoni ma baqqghetx tuza' s-servizzi tas-socjeta' attrici u ghalhekk l-ahhar li kienu ghamlu s-servizzi ta' manteniment fuq il-lift in kwistjoni kien fis-7 ta' Frar, 2003.

Il-Korporazzjoni kienet baghtet ghat-*technicians* tas-socjeta' attrici diversi drabi fix-xhur tas-sena 2006 u dan minhabba li skond l-istess Korporazzjoni l-*lift* kien zvilluppa xi hsara u ma baqax jiffunzjona.

It-*technicians* kienu nfurmawhom li kull darba kienu qed isibu l-pompa mahruqa u kull darba kien ikollhom igibuha lura ghat-tiswija.

Kienu nfurmati li l-probabilita' kienet li kien hemm nuqqas ta' manutenzjoni tal-*lift* in kwistjoni ghal zmien konsiderevoli.

Ix-xhud ma jaqbilx mar-rapport ta' Mario Attard fejn qal li sab li l-*contactor* kien *underrated* u dan ghaliex fid-9 ta' Marzu, 2001, il-*lift* in kwistjoni kien gie spezzjonat u ccertifikat minn *Engineering Services Ltd*, konsulenti tal-Korporazzjoni ma kienux kkonkludew li l-*contactor* ma kienx *underrated* u kienet saret il-*handover* tal-*lift*.

Oltre minn hekk, ix-xhud jispjega li kienet saret spezzjoni tal-*lift* in kwistjoni minn Inginier provdut mill-Korporazzjoni fil-presenza ta' Mario Attard u t-*technician* tas-socjeta' attrici Thomas Dimech, fl-4 ta' Mejju, 2006 u sa' fejn kien jaf ma kienx irrizulta illi kien hemm xi difetti.

Ighid ukoll li t-*technicians* tas-socjeta' attrici kienu qalulu li kien impossibbli li kien hemm *contactor underrated*, u dan ghaliex kieku kien hekk, il-*lift* ma kienx jiffunzjona ghall-perjodu kollu li dam bejn l-installazzjoni tal-*lift* u z-zmien meta l-*lift* waqaf jiffunzjona (perjodu ta' xi hames snin).

Kienu talbu l-hlas fid-19 ta' Jannar, 2006 u fis-6 ta' April, 2006. Kien sar xi xoghol fit-28 ta' April, 2006, kif ukoll fl-4 ta' Mejju, 2006 u kien biss fit-3 u fil-15 ta' Mejju, 2006 meta baghtu l-*invoices*, meta bdew jaghfsu ghall-pagament li l-Korporazzjoni bdiet toggezzjona ghall-pagament.

Ghalhekk ighid li ghal sentejn shah kienu tawhom dan is-servizz ta' manutenzjoni skond l-istess kuntratt. Imbaghad semghu li kien hemm xi problem, biss fis-sena 2005 u 2006. Il-kuntratt kien skada ghal habta tas-sena 2002 u ma kienx igedded.

Ra x-xhieda ta' Thomas Dimech, li kien jokkupa l-kariga ta' *technician* mas-socjeta' attrici. Kien sar rapport fuq xi *lift* tal-Korporazzjoni u mill-investigazzjonijiet li ghamel kien sab li l-mutur tal-*lift* ma kienx qed jiffunzjona.

Minn diskussjonijiet li saru mal-Korporazzzjoni kien gie miftiehem li kellu jinqala' dan il-mutur u kienu haduh il-*workshop* u rrizultalhom li dan il-*lift* kellu jahdem fuq sistema "*three phase*", pero' rrizulta li kien hemm *"phase"* wiehed nieqes.

Il-Korporazzjoni kellha tirranga din il-kwistjoni tat-"*three phase."*

Kienet inqalghet problema ohra, izda minkejja li ma kienx inkarigat mix-xoghol, pero' kien prezenti waqt laqgha li saret mal-inginiera tal-Korporazzjoni fejn dahlu flimkien mal-inginiera tal-Korporazzjoni fil-kamra tal-*lift* u fuq il-kabina sabiex jekk jinqala' xi hsara dak il-hin, tkun tista' tigi mnizzla fil-*job sheet* u tissewwa dina l-hsara, izda minn din il-laqgha ma kien irrizulta xejn.

Jichad li kien hemm problem ta' "*underrating"* u cioe' li jkun hemm xi *equipment* li ma jkunx ta' l-*istandard* ghal dan il-*lift*, izda l-*lift* kien hadem ghal perjodu ta' erba' snin. Oltre minn hekk jekk kien hemm xi problema ta' "*underrating,*" il-problema kienet tkun mill-bidunett mal-installazzjoni tal-*lift*.

Jichad ukoll li kien hemm xi problema ta' "*overheating*" ghaliex jekk verament kien hemm, kien ikun hemm konsegwenzi bhal riha ta' zejt.

Tul l-erba' snin, ighid li l-*lift* ma kellux *service* u generalment meta jkollhom bzonn, jikkomunikaw maghhom, skond il-ftehim li jkun hemm.

Ra x-xhieda tal-Inginier Oliver Aquilina, li kien jokkupa l-kariga ta' *technical engineer* u ghandu l-kumpanija tieghu *Engineering Services Ltd*. Jikkonferma li kien ghamel id-disinjar tal-installazzjoni ta' dan il-*lift* u kien ghamel ukoll l-*ispecifications*. Wara li l-*lifts* jigu nstallati jivverifikaw, bhala socjeta' li jiffunzjonaw tajjeb u per konsegwenza johrog *Health and Safety Certificate* u kkonferma li dawn il-*lifts* jistghu jigu uzati.

Jikkonferma li kien ghamel spezzjoni fl-2001 u ma kienx rega' sema' b'xi ilmenti.

Biex jieqaf *lift*, jista' jkun minhabba diversi problemi bhal per ezempju zejt hazin, jew hmieg u anke meta s-sistema ta' l-elettriku tinbidel ghal wahda "*two phase*" ghal "*three phase*." Ighid ukoll li jkun mehtieg manutenzjoni regolari tal-*lift*.

Ra x-xhieda ta' Brian Grima, li kien jokkupa l-kariga ta' *manager* fil-*business centre* mal-Korporazzjoni u kien ilu jokkupa dina l-kariga mis-sena 2004. Il-*lift* fil-Korporazzjoni kien gie nstallat fis-sena 2001, izda ma tantx kien jigi uzat , izda mbaghad kien beda jigi uzat aktar spiss mill-klijenti u kien fis-sena 2006 li kien waqaf jahdem.

Jikkonferma li kienu baghtu ghas-socjeta' attrici sabiex tirranga dan il-*lift*, kif fil-fatt ghamlet. Kien ghamel perjodu jahdem u mbaghad rega waqaf u kien ghalhekk li kellhom jergghu jibghatu ghas-socjeta' attrici.

Kien hemm it-tielet darba meta waqaf dan il-*lift* ukoll u kien irrizulta li kien inharaq il-mutur, u s-socjeta' attrici ma kienitx indunat sa' dak iz-zmien.

Fit-tielet darba kien gie t-*technician* tal-Korporazzjoni u dan kien zarma l-mutur u kien sab li l-pompa kienet iebsa hafna bil-konsegwenza li kien qed jinharaq il-mutur. Imbaghad sa' fejn kien jaf dan il-*lift* kien baqa' jahdem.

Ra x-xhieda ta' Mario Attard, li bhala *electrical technician* ghal dawn l-ahhar erbghin sena, kien hejja r-rapport ghal Korporazzjoni, rigward dan il-*lift* u kien irrizultalu li kien *lift* "*underrated*" ghaliex kien jiffunzjona ghal ftit zmien u mbaghad kien jieqaf. Il-" *contactor*" kien jindika x'kien l-amperagg li kellu bzonn dan il-*lift* u kien ta' *16 AMPS* u li ghalih kien baxx.

Jispjega ukoll li l-"*cabling*" kellu hafna gonot u dan ma kienx accettabbli.

Ighid ukoll li fil-pompa kien sab ”*oil sludge*” u dan huwa zejt maghqud fil-pompa, u din ma kienitx xi haga normali.

Ighid ukoll li kull meta xi hadd mis-socjeta’ attrici kien jigi biex jiccekkja dan il-*lift*, qatt ma kienu jiccekkjaw il-pompa. B’ hekk li kien qed jigri kien li l-*lift* kien jahdem ghal ftit u mbaghad kien jieqaf u kellu jissewwa xi tlett darbiet ghax jerga’ jinharaq.

Fuq it-tieni darba li kien hemm problemi, s-socjeta’ attrici rrifjutat li tmur peress li kien ghad hemm kont pendenti u kien ghamel hu x-xogholijiet li kien mehtieg sabiex jittrangaw dawn il-hsarat.

Jikkonferma li sa’ llum dan il-*lift* ghadu qed jahdem, pero’ ma setax jikkonferma jekk qatt inbiddel minn meta gie nstallat mis-socjeta’ attrici, ghaliex ma kienx jahdem hemm mill-bidunett.

Ighid li fi zgur kienu jigu t-*technicians* tas-socjeta’ attrici u dawn kienu johorgu certifikati li kienu ghamlu l-manutenzjoni u ma kienux jaqblu mieghu li l-*lifts* kellhom amperagg zghir.

Ra l-atti u d-dokumenti esebiti.

Ikkunsidra.

Is-socjeta attrici kienet giet inkarigata sabiex tinstalla *lift* fil-proprjeta’ tal-Korporazzjoni, Dan il-*lift* giet installat taht is-sorveljanza tal-Inginier Oliver Aquilina, u fuq istruzzjonijiet tieghu kien inhareg certifikat li l-*lift* huwa fi stat li jista’ jigi ntuzat.

Gie stabbilit illi dan il-*lift* gie nstallat fid-9 ta’ Marzu, 2001 u skond l-istess kuntratt kien hemm stabbilit li s-socjeta’ attrici kellha toffri servizzi ta’ manutenzjoni b’xejn ghal perjodu ta’ sentejn mid-data tal-kuntratt ta’ meta gie nstallat u sar il-“*commissioning*” tal-*lift.*

Kien biss fis-sena 2006 li l-Korporazzjoni talbet lis-socjeta' attrici sabiex taghmel xogholijiet ta' tiswijiet fuq il-*lift* u dawn saru bejn Jannar, 2006 u April, 2006.

Kien hemm xi tlett okkazzjonijiet fejn kellhom imorru t-*technicians* tas-socjeta' attrici u rrizulta li s-sistema ta' l-elettriku kellha tinqaleb ghal wahda '*two phase*" ghal wahda "*three phase*."

Mill-provi prodotti mill-Korporazzjoni ma hemm xejn sabiex jikkonvinci lil dan it-Tribunal li kien hemm xi perjodi bejn is-sena 2001 u 2006 meta sar xi manutenzjoni fuq il-*lift*. Ma ngabet l-ebda prova lanqas dokumentali.

Ix-xhieda ta' Thomas Dimech, *technician* tas-socjeta' attrici, tkompli ssahhah ix-xhieda tas-socjeta' attrici, ghaliex ighid li kien prezenti waqt li kienet saret laqgha bejnu u bejn it-*technicians* tal-Korporazzjoni u ma kienx irrizulta li kien hemm xi problema u jkompli jghid li l-Korporazzjoni qatt ma bghatet ghalihom sabiex jaghmlu t-tiswijiet.

Id-difiza tal-Korporazzjoni hija li x-xogholijiet tas-socjeta' attrici ma kienux saru skond is-sengha u l-arti.  It-Tribunal taqbel mas-sottomissjoni tas-socjeta' attrici li jekk verament il-Korporazzjoni kienet qed tinsisti li ma kienx sar xoghol sew qed tirreferi ghal tiswijiet li saru da parti tas-socjeta' attrici u mhux ghal dak li jirrigwarda l-installazzjoni tal-*lift*. It-Tribunal wasal ghal din il-konkluzzjoni ghal diversi ragunijiet.

Primarjament, Mario Attard li kien jahdem bhala *technician* mal-Korporazzjoni kien ghamel analizi tal-problemi li kien hemm f'dan il-*lift* u ddeskrivih bhala "*underrated,"* u cioe' kien hemm xi "*equipment*" go dan il-*lift* li ma kienx ta' *standard* u dan kien wassal ghal problemi fil-funzjoni tal-*lift*.

Madanakollu, gie stabbilit ukoll li l-*lift* kien baqa' jahdem ghal perjodu ta' erba' snin u l-istess Inginier Aquilina jghid li wara li kien ghamel spezzjoni tal-*lift* fl-2001 sabiex

johrog certifikat ta' "*Health and Safety*," ma kienx rcieva jew sema' b'xi ilmenti.

Hemm diversi verzjonijiet ukoll kontrastanti ghal konkluzzjonjiet li wasal ghalihom Mario Attard.

Joseph Attard, bhala direttur tas-socjeta' attrici jinsisti li kieku kien *lift "underrated,"* il-*lift* ma kienx jahdem ghal perjodu ta' cirka hames snin minn meta gie nstallat.

L-istess konkluzzjoni wasal ghaliha Thomas Dimech, li qal li jekk verament kien hemm problema ta' "*underrating*", dan kien jirrizulta mal-installazzjoni tal-*lift*, izda ma kienx jidher li kien il-kaz.
Kien hemm problemi fil-mutur li kien inharaq,

L-Inginier Aquilina aktar jaghti stampa cara ta' dak li jista' jkun il-kagun meta jieqaf *lift* u jikkonferma li dan jista' jkun minhabba zejt hazin jew hmieg jew addiritura jekk ikun hemm tibdil fl-elettriku minn "*three phase*" ghal "*two phase*."

Ghal Mario Attard kien hemm ukoll "*oil sludge"* fil-pompa u dan jigi kkagunat minhabba hmieg. Attard ma kienx f'posizzjoni li jikkonferma jekk kienx inbidel dan il-*lift* mill-bidunett, ghaliex ma kienx jahdem mal-Korporazzjoni mill-bidu.

Dan *per se* ikompli jdghajjef il-posizzjoni tal-Korporazzjoni u dan minhabba li fuq bazi ta' probabilita, gia la darba qedghin fil-kamp civili, fl-ebda stadju tal-provi ma rrizulta li bejn is-sena 2001 u 2006 saret xi manutenzjoni fuq il-*lift*, anzi pjuttost gie kkonfermat li ma tantx kien jigi utilizzat bhala *lift*, izda kien aktar tard li beda jintuza aktar mill-klijenti.

Minn dak li gie spjgat jidher li minhabba hmieg jew nuqqas ta' manutenzjoni, tista' tigi kkreata "*oil sludge*", u ghalhekk l-unika konkluzzjoni plawsibbli ghal dan it-Tribunal huwa li l-kagun tal-hsara kienet minhabba li l-Korporazzjoni naqset milli tipprovdi servizz ta' manutenzjoni ghal zmien twil u bla ebda mod mhu konvint dan it-Tribunal, li l-hsara

giet ikkagunata minhabba li l-*lift* kien “*underrated*” jew minhabba li s-socjeta’ attrici kienet ghamel ix-xogholijiet ta’ tiswijiet mhux skond is-sengha u l-arti.

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal taqta’ u tiddeciedi billi tilqa it-talbiet attrici bl-ispejjes kif mitluba u bl-imghax kif mitlub kontra l-istess Korporazzjoni.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------